# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: K4/2023

NR 034/2024 Data tal-Ħruġ: 21 ta' Frar 2024 Data tal-Għeluq: 9 ta' Frar 2024

*Matul ir-raba' kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'0.1 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Meta mqabbel mal-istess żmien tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'4.0 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fir-raba' kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'0.1 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. L-ogħla tnaqqis kien irreġistrat fl-oġġetti kapitali (10.4 fil-mija), segwit mill-enerġija (1.0 fil-mija) u l-oġġetti tal-konsum (0.7 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda ta' 2.6 fil-mija fl-oġġetti intermedji (Tabella nru 1).

Fl-oqsma industrijali, l-għadd ta' impjiegi aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b'0.1 fil-mija (Tabella nru 3). Matul dan il-perjodu, is-sigħat maħduma naqsu b'0.1 fil-mija (Tabella nru 5), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross żdiedu b'5.6 fil-mija (Tabella nru 7).

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'4.0 fil-mija. Iż-żidiet kienu rreġistrati fl-oġġetti intermedji (7.3 fil-mija), fl-enerġija (4.4 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (2.1 fil-mija) (Tabella nru 2).

Sena għal sena, kienet irreġistrata żieda ta' 1.3 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat għall-effetti tal-istaġun (Tabella nru 4). In-numru ta' sigħat maħduma fl-industrija, aġġustati bil-jiem tax-xogħol, naqas b'1.7 fil-mija (Tabella nru 6), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross, aġġustati bil-jiem tax-xogħol, żdiedu b'7.1 fil-mija (Tabella nru 8).

## Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

